MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 473/2002

**Elmo Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Charmaine Cassar, u l-istess Charmaine Cassar U b'nota tat-3 ta' Mejju, 2004, is-socjeta' Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Charmaine Cassar assumiet fil-vesti ta' l-attur l-atti tal-kawza fl-ismijiet prmessi minflok is-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance plc**

**vs**

**Joshua Anastasi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fid-29 ta' Lulju, 2002 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi hallashom is-somma komplessiva ta' elfejn, mija u erbgha u tmenin lira maltin u erbatax-il centezmu (Lm2,184.14) [Lm2084.14 lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm100 lill-attrici Charmaine Cassar] in linea ta' danni minnu kkagunati u minnhom sborsati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Bahar ic-Caghaq fid-29 ta' April, 2001 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura numru FOR 142 habat mall-vettura numru BBH 827 proprjeta' ta' l-attrici Charmaine Cassar u misjuqa minnha – prevja dikjarazzjoni li ghal dak l-incident huwa kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju, 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-9 ta' Mejju, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fl-avviz, izda gara tort unikament tal-assigurata tas-socjeta' attrici Charmaine Cassar li kontra taghha qed jinzammu fermi d-drittijiet tal-esponenti ghar-risarciment tad-danni minnha kkawzati.
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma esagerati.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi sar f'Bahar ic-Caghaq fil-lilwa ta' Qalet Marku fid-29 ta' April, 2001 bejn il-vettura ta' l-ghalma Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni BBH 827 misjuqa minn Charmaine Cassar u l-vettura Mini Cooper bin-numru tar-registrazzjoni FOR 142 misjuqa mill-konvenut Joshua Anastasi.

Charmaine Cassar xhedet (fol. 45) illi dak il-hin, ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu kienet qeda ssuq il-karozza BBH 827 kwazi razenti l-bankina qeda tavvicina l-lilwa ta' Qalet Marku, mis-Salini fid-direzzjoni ta' St. Andrew's. Hin minnhom tara karozza gejja mill-faccata ddur dik il-lilwa, taqbez il-linja medjana u tibqa' diehla dritt ghal go fiha. Mad-daqqa waqfet, peress illi kienet qeda ssuq bilmod. Ghal darbtejn xhedet illi l-vettura l-ohra ssubiet hsarat konsiderevoli fuq il-parti ta' quddiem, izda wara d-daqqa daret. Hija kellha hsarat fuq quddiem, in-naha tal-lemin.

Peress illi l-karozza waqfet mad-daqqa, *brake* ma ghafsetx, ghad illil aktar 'il quddiem xhedet illi ghafset il-*brake* qabel ma' l-konvenut gie fuqha. Qalet ukoll illi kien hemm xi sinjali fl-art.

Is-Surgent PS 38 Paul Zahra li nvestiga dan il-kaz, filwaqt illi esebixxa l-okkorrenza u l-iskizz, ikkonferma illi dak il-hin il-konvenut allega illi xi nies kienu caqalqu l-karozza misjuqa minn Cassar. Dan fil-fatt huwa rraportat fl-okkorrenza. Cassar pero' nnegat dan. L-iskizz huwa *to scale* u rrizulta li l-karozza ta' l-attrici kienet erbghin (40 cm) centimetru 'l boghod mill-bankina. L-i*spot of impact* kien xi zewg metri 'l boghod mill-karozza ta' Cassar. It-trab kien imxerred f'distanza kbira, pero' seta' jikkonstata dan l-i*spot of impact* b'koncentrazzjoni aktar qawwija. Il-hsara fil-Mini Cooper kienu fuq in-naha ta' wara fuq il-lemin. Il-konvenut dak il-hin kien fi stat ta' xokk.

A fol. 57 hemm ix-xhieda tal-konvenut fejn ikkonferma illi dak il-hin huwa kien qieghed isuq il-karozza Mini Cooper

bin-numru FOR 142, gej minn St. Andrew's fid-direzzjoni tas-Salini. Hin minnhom, waqt illi kien qieghed idur il-lilwa ta' Qalet Marku, ra karozza gejja mill-faccata bid-dawl *bright* taqbez il-linja medjana u giet fil-kareggjata tieghu. Ghalhekk huwa dawwar l-i*steering wheel* lejn ix-xellug biex jevita l-impatt u ghafas il-*brake*, izda l-karozza dahlet f'*oversteer* u telqghet minn wara u ghalhekk huwa habat mall-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta bl-impatt jikkoncentra ruhu fuq in-naha ta' wara mal-genb lemini.

Il-konvenut xehed li l-karozza l-ohra marret *wrong side* peress illi kienet qeda taghmel manuvra ta' sorpass fil-lilwa. Dak il-hin stess huwa hareg mill-karozza biex jara x'kien gara, izda mall-ewwel beda jigi ntimidat minn nies illi kien hemm fil-vettura l-ohra, illi barra s-sewwieqa kien hemm tnejn jew tliet persuni ohra.

Ftit wara, waqfet karozza ohra b'xi rgiel illi daru mall-karozza ta' Cassar u kaxxkruha mall-bankina biex dehret ipparkjata qiesha xi zewg pulzieri 'l barra mill-bankina tax-xellug in-naha taghha.

Mitlub biex jispjega t-*tyre marks* illi jidhru magenb il-karozza ta' Cassar, il-konvenut qal illi dawk ma kienux tieghu. Il-hsarat fil-karozza tieghu kienu kollha fuq wara. Sar ukoll kontro ezami sserrat u dettaljat, fejn il-konvenut zamm il-posizzjoni tieghu u spjega illi l-velocita' tieghu kienet xi erbghin jew hamsa u erbghin mil fis-siegha. L-art kienet xotta u lanqas nida ma kien hemm. Rega' spjega d-dinamika ta' l-incident b'aktar dettal, u wara filwaqt il-*breaking* dawwar l-i*steering wheel* u l-karozza telqet minn wara u habtet ma' dik illi kienet gejja mill-faccata, li kienet *wrong side*.

Kien hemm tmien persuni illi daru mall-karozza ta' Cassar biex kaxkruha fil-genb. L-i*spot of impact* kien fuq il-kareggjata tieghu u l-i*scrape marks* illi kien hemm fl-art kienu maghmula mid-*drum* tar-rota ta' wara tal-lemin wara li nqalghet mall-habta.

Gew esebiti ritratti f'envelope a fol. 30, minfejn jidhru l-hsarat estensivi subiti fil-karozza misjuqa mill-konvenut,

liema hsarat huma koncentrati fuq wara, n-naha tal-lemin kif spjega l-konvenut.

Il-genituri tal-konvenut xhedu wkoll f'dawn l-atti fejn qalu illi gew informati minn binhom illi kellu ncident u waslu fuq il-post ftit qabel ma' wasal is-Surgent. Ix-xhieda ta' Joseph Anastasi hija determinanti hafna. Spjega li l-*brake marks* illi jidhru magenb il-karozza ta' l-attrici ma kienux maghmula mill-karozza tat-tifel tieghu, izda kienu maghmula minn karozza ohra tat-tip Fiat 127 illi waslet fuq il-post maghhom u ra din il-karozza tieqaf ma' genb il-karozza ta' Cassar u taqla' bil-goff, tghaqqad it-*tyres* u thalli dawk it-*tyre marks*.

Meta Joseph Anastasi ra x-xena ta' l-incident, fehem mall-ewwel x'kien gara, izda ma setax jifhem kif il-karozza ta' l-attrici spiccat daqshekk razenti l-bankina u meta staqsa lil ibnu l-ghala kienet f'dik il-pozizzjoni qallu mall-ewwel li l-karozza kienet giet imcaqalqa u tqeghdet f'dik il-posizzjoni. Hawn hadha kontra tieghu ghaliex ma pprotestax, irrealizza pero' li t-tifel tieghu kien taht xokk qawwi u ma setax jesprimi ruhu kif xtaq.

Interessanti wkoll hija r-reazzjoni ta' Cassar meta dina giet ikkonfrontata minn omm il-konvenut l-ghala caqalqu l-vettura u rrispondieta b'mod arroganti, "This is not England, this is the way we do things in Malta."

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ssib illi l-verzjoni moghtija mill-konvenut u x-xhieda minnu migjuba huma aktar vero simili u jinkwadraw ruhhom mad-dinamika ta' l-incident. Minn naha l-ohra ssib diversi nkonsistenzi fix-xhieda moghtija minn Charmaine Cassar.

Jibda biex jinghad illi din insistiet, ghal aktar minn darba, illi l-hsarat fil-vettura tal-konvenut kienu fuq quddiem, mentri jidher car, kemm mill-iskizz kif ukoll mir-ritratti esebiti illi l-hsarat kienu fuq wara u fuq quddiem ma kien hemm l-ebda hsara. Qalet ukoll illi *brake* ma ghafsitx u l-

karozza waqfet bid-daqqa, izda qalet ukoll illi l-*brake* ghafsitu qabel ma l-konvenut gie fuqha.

Il-*brake marks* illi jidhru fuq l-iskizz ukoll huma moprtanti ghas-soluzzjoni ta’ din il-kwistjoni, liema *brake marks* jidhru magenb il-karozza ta’ Cassar u mhux quddiemha. Dan huwa konformi max-xhieda moghtija minn missier il-konvenut, Joseph Anastasi, meta qal illi waslet karozza ohra tat-tip Fiat 127 u din waqfet magenb il-karozza ta’ Cassar u qalghet b’mod goff u qaghdet tghaqqad it-*tyres* hija u hierga.

L-avukat ta’ l-atturi b’mod professjonali u ferm abbli, ssoggetta kemm lill-konvenut kif ukoll lil Joseph Anastasi ghall-kontro ezami dettaljat u sserrat, fejn pero’ l-Qorti setghet tinnota l-komporatament taz-zewg xhieda taht din il-pressjoni fejn zammew il-verzjoni taghhom u taw kull spjegazzjoni li giet mitluba minn ghandhom. Kienu konsistenti u sodi fix-xhieda taghhom, specjalment dwar il-moviment tal-karozza ta’ Charmaine Cassar u l-ispjegazzjoni ferm plawsibbli tal-*brake marks* illi jidhru magenb il-karozza taghha. Huwa probabbli li l-incident gara kif spjega l-konvenut u mhux kif spjegat Cassar.

L-unika nkonsistenza bien jinghad hekk,illi din il-Qorti sabet, tirrigwarda r-rota ta’ wara tal-lemin tal-karozza misjuqa mill-konvenut. Il-konvenut qal illi r-rota nqalghet ma’ l-impatt u halliet xi *scratch marks* fuq it-*tarmac.* Pero’ fir-ritratti fl-*envelope* a fol 30, tidher rota mwahhla fuq in-naha tal-lemin fuq wara fil-karozza tal-konvenut. Il-Qorti tinnota wkoll illi din ir-rota hija differenti ghal dik illi hija ghamla u daqs ghat-tliet l-ohra u ghalhekk, wisq probabbli, giet imwahhla wara l-incident biex il-karozza tkun tista’ tigi mqeghda fuq karru u trasporata. Hi x’inhi, l-Qorti ma tahsibx li dan id-dettal jista’ jkollu x’influwenza fuq is-sahha ta’ l-assjem tal-provi migjuba mill-konvenut, liema provi l-Qorti jidhrilha li ghandhom jirrispettaw verament dak illi gara f’dan l-incident.

Minn naha l-ohra l-Qorti hija wkoll konvinta illi Charmaine Cassar riedet tqarraq u b’kolluzjoni ma’ nies ohra dawret ix-xena ta’ l-incident sabiex jidher favur taghha u jkun ta’

pregudizzju ghat-tezi tal-konvenut u ccahdu dak illi huwa tieghu bi dritt u cioe’ ma kienx responsabbli ghal dan l-incident.

Il-Qorti hija konvinta illi l-incident gara hekk kif spjega l-konvenut, meta l-attrici Charmaine Cassar waqt manuvra ta’ sorpass f’kantuniera, qabzet il-*continuous white line*, giet fil-kareggjata opposta ezatt quddiem il-konvenut, li pprova jevita l-incident, pero’ stante l-prossimita’ tal-vetturi dan ma setax jigi evitat.

Il-Qorti ghalhekk, issib illi kienet Charmaien Cassar responsabbli ghal dan l-incident u mhux il-konvenut.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ l-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------